MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 773/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Joseph Attard

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Attard ta’ 30 sena imwieled Pieta’ nhar il-14 ta’ Awissu, 1975 bin il-mejjet Victor u Lorraine nee’ Franklin residenti 9, Triq San Pawl, Hal Ghaxaq, detentur ta’ karta ta’ l-identita numru 457275M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-3 ta’ Settembru, 2004 ghall-habta tat-8.15a.m. waqt li kien gewwa Triq Manwel Dimech, Balluta, San Giljan ikkometta serq ta’

*stereo* minn gewwa vettura FDK 083 a detriment ta’ Jeremy Paul Bonello minn San Gwann u George Vassallo mis-Swieqi, liem serq jeccedi il-mitt lira Maltin izda ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin u ikkwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur u bil-mezz u dan *ai termini* ta’ l-artikoli 261, 263, 267, 271 (g), 279 (a) u 281 (a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura ta’ ghamla Skoda nru FDK 083 ghad-dannu ta’ Jeremy Paul Bonello minn San Gwann u George Vassallo mis-Swieqi, liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira Maltin, imma teccedi il-hamsin Lira Maltin u dan ai terminu ta’ l-artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli f’dawn il-gzejjer u cioe’ fil-gimghat ta’ qabel it-3 ta’ Settembru, 2004 kellu fil-pussess tieghu ir-raza u/jew haxixa mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din is-sustanza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8 (a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba titratta ma’ l-imputat bhala li huwa recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat illi fis-7 ta’ Frar, 2006, il-Prosekuzzjoni rtirat it-tielet akkuza migjuba minnha fil-konfronti ta’ l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 10 ta’ Settembru, 2004 sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti ta’ l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz teighu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq referuta kif jirrizulta mill-ezami li

sar fis-7 ta’ Frar, 2006 *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fis-seduta tal-31 ta’ Jannar, 2007. Din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha izda huwa baqa’ jinsisti li jirregistra tali ammissjoni.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt li huwa kien irritorna r-refurtiva lis-sid fil-gurnata stess tar-reat kommess. Minn ezami tal-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel draba li huwa kiser dufrejh mal-gustizzja u huwa fil-fatt inghata pieni ta’ multi, *probation order* u prigunerija effettiva. Irrizulta wkoll li l-imputat kellu problema ta’ abbuz ta’ droga u li huwa kien qabad it-triq it-tajba. Fl-istqarrija minnu rilaxxjata a folio 20 u 21 tal-process huwa ammetta li kien ikkommetta r-reat li bih qed jigi akkuzat fil-kaz odjern izda qal ukoll li kien zgarra u li minn minndu inghataw is-sentenzi li jidhru fil-fedina penali teighu huwa kien qaghad

bil-ghaqal u kien qed jahdem. Meta wizznet dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti dehrilha li ma kienx ikun ghaqli li l-imputat jigi karcerat u li huwa ghandu jinghata opportunita’ ohra sabiex jirriforma hajtu.

Ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271 (g), 278 (3), 279 (a), 281 (a), 325 (b), 49, 50, 289 (1), 17 u 28 A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga’ ntqal ghall-ewwel u t-tieni akkuza kif minnu ammessi, ghall-prigunerija ta’ tnax-il xahar sospiza ghal sentejn millum.

Illi l-Qorti tiddikjara li ghal kull bon fini hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita’ tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------